L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2020** fis-02:00 p.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja.

Il-Bord irrileva illi rcieva rikors minn ghand Yorgen Fenech. Il-Bord ordna notifika ta' dan ir-rikors lil Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi u lil Dr. Isaac Zammit ghall-Avukat tal-Istat li jkollhom zmien erbat ijiem utili ghar-risposta.

**Gordon Naudi** xehed bil-gurament, bil-Malti u fil-maghluq.

F'dan l-istadju dahal Dr. Isaac Zammit ghall-Avukat tal-Istat.

Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

**Spettur Kurt Zahra** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Il-Bord ordna li l-membri tal-press johorgu mill-Awla sabiex ikompli jixhed Spettur Kurt Zahra fil-maghluq (mhux rekordjat).

**Fiona Formosa** xehdet bil-gurament u bil-Malti.

Dr. Therese Comodini Cachia pprezentat Dok FF, (emails) u Dok TCC1 “Government hid LNG agreement with Azerbaijan from European Commission”.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 16 ta’ Ottubru 2020 sabiex jixhed l-Onor. Ministru Edward Zammit Lewis fid-9.30 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta